# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 936

KAZ NRU. 1150

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Antoine Grima

u

Improved Design Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 3 t'April, 1998

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

Din il-kwistjoni giet riferita mill-Onor. Ministru tal-Harsien Socjali lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra datata 3 ta' Lulju, 1997 b'riferenza MHS/TI/45/97 skond il-provvediment tal-Artikolu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Waqt it-trattazzjoni ta' din it-tilwima, l-kumpanija appellata talbet in-nomina ta' espert kalligrafu biex jirrelata jekk in-numru "5" fuq ic-certifikat mediku kienx nkiteb mill-istess id li kitbet id-data "25 ta' Gunju, 1997" fuq l-istess certifikat.

It-Tribunal irrizerva li jaghti decizjoni tieghu dwar din it-talba wara li jisma' x-xhieda kollha peress li ried jara jekk kienx hemm fatti li setghu jwasslu ghal decizjoni fuq l-importanza ta' dak in-numru "5" fuq it-tkeccija u dana peress li hass li kien ikun inkarigu difficli biex perit kalligrafu

jifforma opinjoni fuq numru wiehed biss u ghalhekk halla d-decizjoni tieghu bhala l-ahhar misura jekk ma jkunx hemm fatti li jirrendu tali opinjoni bhala mhux necessarja.

Mix-xhieda u minn ezami tad-dokument irrizulta :-

(a) Li Dr. Jkunovskai, it-tabiba li harget ic-certifikat ikkonfermat bil-gurament, wara li rat kopja ta' l-istess certifikat ezibit fil-process, li n-numru "5" kienet kitbitu hi stess.

(b) Anke kieku dak in-numru ma kienx inkiteb, ic-certifikat kien jghid li l-persuna mwegga ma setghetx tkompli fl-impjieg taghha normali f'dik il-gurnata - il-25 ta' Gunju 1997 - li kien l-istess jum meta ma jistax jkun kontestat li l-appellant, dakinhar ma setax ikompli fl-impjieg tieghu normali.

(c) Is-sur Mifsud, Direttur, qal (pag. 7 tal-14/11/97) li hu kien cempel id-dar ta' l-appellant fil-25 ta' Gunju, 1997 qalulu li l-appellant kien mar il-Polyclinic u li meta l-appellant wasal fuq il-post tax-xoghol, u qallu li kien "light duty" id-Direttur qallu li jista' jitlaq.

(d) F'pag. 8 ta' l-istess xhieda qal ukoll li, fl-opinjoni tieghu dak ic-certifikat ma kienx juri EBDA gurnata li huwa kien bis-sick leave - minkejja l-fatt li l-istess certifikat kien jghid li ghal dik il-gurnata l-appellant ma setax jkompli x-xoghol normali tieghu.

(e) L-istess Direttur qal ukoll li meta ra c-certifikat (vuoldiri fil-25 ta' Gunju, 1997) ma kienx hemm in-numru "5" li juri n-numri ta' granet li l-appellant ma setax jahdem u allura (pag. 10) ma kienx jaf kemm, skond it-tabib, "kien sejjer idum bil-leave".

Qal ukoll li saghtejn wara, l-appellant gieblu ic-certifikat it-tieni darba, ttimbrat mill-Pulizija u li n-numru "5" kien gie mizjud izda mbaghad qal li nduna biz-zieda tan-numru "5" meta ra c-certifikat it-tielet darba.

(f) Veru li kien hemm diskrepanza bejn ix-xhieda tal-appellant u taz-zewg tobba li kienu rawh fl-24 u fil-25 ta' Gunju, 1997. Il-kumpanija sostniet li r-realta' kienet kif deskritta mill-ewwel tabib li, fix-xhieda qal, li deherlu li ma kien hemm ebda bzonn ta' kura hlief faxxa u li ma tah ebda certifikat; pero' l-kumpanija lanqas biss kienet taf li l-appellant kien mar ghand it-tabib fl-istess jum li wegga' u ghalhekk l-opinjoni ta' l-ewwel tabib ma ghandha ebda rilevanza mat-tkeccija li kienet bazata fuq ic-certifikat tal-25 ta' Gunju, 1997. L-istess nuqqas ta' rilevanza tezisti dwar il-fatt li ma tul il-hames t'ijiem l-appellant kien nstab go garage fejn kien qed isir xoghol fuq karozza ghax f'dak il-jum l-appellant kien ga mkecci u c-certifikat kien jghid biss li ma setax jaghmel ix-xoghol normali tieghu.

It-tabiba Jkunovskai qalet li l-punti ghamlithom hi fil-25 ta'Gunju, 1997 u li kieku rat punti ta' xi tabib iehor ma kinetx tohrog certifikat. Minn naha l-ohra t-tabib Cilia li rah gurnata qabel qal li hu ma ghamilx punti u li r-records tal-Polyclinic jikkonfermaw dan.

It-tabiba qalet ukoll li ferita ta' dak il-generu kienet tirrikjedi hames t'ijiem biex taghlaq u li b'semplici daqqa kienet setghet tinfetah.

Wara li kkunsidra l-fatti hawn fuq elenkati u l-fatt li anke kieku kien veru li n-numru "5" ma kienx nkiteb - fatt li facilment seta' jigi verifikat b'semplici telefonata fil-Polyclinic - id-decizjoni tas-sur Mifsud kienet zbaljata, almenu fil-25 ta' Gunju 1997 ghaliex ghal dakinhar ic-

certifikat kien car u ghalhekk it-Tribunal ma hassx in-necessita' ghan-nomina ta' perit kalligrafu; dana ghax ic-certifikat anke kieku ma kienx juri ghalkemm l-appellant ma setax jaghmel ix-xoghol normali tieghu, kien juri bic-car li fil-25 ta' Gunju, 1997 huwa ma setax jaghmel dan.

Gie stabbilit ukoll li l-appellant offra li jaghmel xoghol iehor - light duty - billi jsuq karrozza imma ma jerfax aluminju.

Jigi deciz li d-direttur Mifsud ghaggel wisq meta fil-25 ta' Gunju, 1997 qallu jista' jitlaq, bi ksur tal-provvediment tal-Art. 34(15) tac-CERA u ghalhekk it-Tribunal jiddikjara li t-tkeccija kienet ngusta.

Ghaldaqstant jordna :-

(a) Li l-appellant Antoine Grima ghandu jinghata lura l-impjieg tieghu minnufih u b'sehh mill-25 ta' Gunju, 1997;

(b) li ghandu jithallas il-paga shiha mill-25 ta' Gunju, 1997 sa l-ewwel skadenza tal-paga ta' l-impjegati l-ohra tal-kumpanija appellata, mnaqqas b'parti wahda minn tnax biex jithallsu il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali;

(c) li l-appellant ghandu jirrifondi lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali l-beneficcji li seta' thallas mill-25 ta' Gunju, 1997.

(d) li ghandu jithallas iz-zewg tipi ta' bonus dovuti, wiehed mill-25 ta' Gunju, 1997 sal-31 ta' Marzu, 1998 u l-iehor mill-istess data sal-31 ta' Dicembru, 1997;

(e) il-paga dovuta skond para (b) ghandha tigi kkalkolata bir-rata ta' Lm46 fil-gimgha sa Dicembru u bir-rata ta' Lm47.50 minn Jannar, 1998.

Il-pagament għandu jsir b'dan il-mod :-

(i) Lm200 u z-zewg ammonti dovuti bhala bonus sas-17 ta' April, 1998;

(ii) Lm400 sat-30 ta' April, 1998;

(iii) il-bilanc dovut sad-29 ta' Mejju, 1998.

B'dana li jekk wiehed mill-pagamenti ma jsirx saz-zmien hawn fuq stabbilit, il-bilanc kollu dovut jsir dovut minnufih.

Kopja ta' din id-decizjoni ghandha tintbaghat lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali biex jigbor flus dovuti lilu.

Ghal fini tat-tassazzjoni, qed jigi ntaxxat id-dritt ta' Lm40 ghal kull difensur tal-partijiet u dana skond A.L. 48.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Maurice Petrococchino
**CHAIRMAN**

Joyce Agius
**A/SEGRETARJA**

mrg